DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR 161504** **04.07.2016**

**STQARRIJA MAĦRUĠA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER**

***L-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati jinawgura wirja dwar l-istorja tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta***

L-*Ispeaker* tal-Kamra tad-Deputati Anġlu Farrugia inawgura wirja dwar l-istorja tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta. Din il-wirja hija parti mill-attivitajiet tal-202 anniversarju mit-twaqqif tal-Korp tal-Pulizija fit-12 ta' Lulju 1814.

F'kelmtejn tal-okkażjoni, l-*Ispeaker* tkellem dwar l-importanza tas-sehem tal-Pulizija fir-rigward taż-żamma tal-ordni pubblika u tas-sigurtà f'pajjizna. Għal dan il-għan, il-Pulizija qed kontinwament jagħtu servizz lis-soċjetà billi jipproteġuha kontra kull attività kriminali u billi jħarsu d-drittijiet ta' individwi onesti mill-ksur tal-liġi kriminali.

L-*Ispeaker* qal li l-Pulizija għandhom jitqiesu bħala l-ewwel għajnuna tas-soċjetà, għaliex f'kull diffikultà l-membri tal-Korp tal-Pulizija nsibuhom jagħtu l-għajnuna lil kull min jeħtieġha, u semma' wkoll il-ħidma tal-Pulizija li, flimkien mas-Servizzi tas-Sigurtà u l-Forzi Armati ta' Malta, li iħarsu lill-pajjiżna mill-immigrazzjoni llegali u fl-istess waqt ikunu ta' għajnuna għal dawk l-immigranti li jeħtieġu protezzjoni umanitarja. Wieħed irid jagħraf jagħmel distinzjoni bejn il-krminali, dawk li jqegħdu fil-periklu l-ħajja umana għal qliegħ ta' flus, u individwi li qed ifittxu ħajja dinjituża minħabba gvernijiet totalitarji, nuqqas ta' rispett lejn id-drittijiet u libertajiet fundamentali tal-individwu, u ċirkostanzi ta' gwerrer u konflitti.

Dr Farrugia sellem lill-membri u l-veterani tal-Korp tal-Pulizija u l-memorja ta' uffiċjali tal-pulizija li mietu tul s-snin. Hu wkoll sellem il-memorja tal-President Emeritus ta' Malta Anton Buttigieg, li fis-snin it-Tieni Gwerra qeda dmiru bħala spettur tal-pulizija.

Għall-ftuħ Uffiċjali tal-wirja Jum il-Korp tal-Pulizija ta' Malta, kien hemm preżenti il-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali Carmelo Abela, l-Aġent Kummissarju tal-Pulizija Lawrence Cutajar, u l-kelliemi ewlieni tal-Oppożizzjoni għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali Beppe Fenech Adami.

**Attachments: photos** 

3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775
press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt